**Ippubblikati r-riżultati ta' stħarriġ nazzjonali kkummissjonat miċ-Ċentru tal-Ilsien Malti waqt il-Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti**

Waqt il-Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti bit-tema *'Insaħħu l-Ilsien Nazzjonali Tagħna'* ġew ippubblikati r-riżultati ta' stħarriġ nazzjonali li kien ikkummissjonat miċ-Ċentru tal-Ilsien Malti biex jistħarreġ l-istat tal-ilsien Malti fost iċ-ċittadini Maltin.

L-istħarriġ xjentifiku sar mill-istatistiku u lettur fl-Università ta' Malta Dott. Vincent Marmarà f'Jannar li għadda fuq kampjun ta' 600 ruħ li għandhom minn 16-il sena 'l fuq u jirrifletti d-demografija tal-pajjiż, skont l-età u l-lokalità ġeografika.

Dawn huma l-punti ewlenin li joħorġu minn dan l-istħarriġ:

1. 95.4% tal-Maltin iqisu l-Malti bħala waħda mil-lingwi ewlenin tagħhom; 12.7% jikkunsidraw l-Ingliż bħala waħda mil-lingwi ewlenin tagħhom;
2. Kważi 95% tal-Maltin jitkellmu bil-Malti mal-familjari tagħhom; 13.5% jgħidu li jitkellmu magħhom bl-Ingliż; il-maġġoranza ta' dawn tal-aħħar joqogħdu fit-Tramuntana tal-Port il-Kbir (19.8%);
3. Il-ġenituri ta' tfal taħt it-18-il sena jkellmu lil uliedhom l-iktar bil-Malti (68.3%). 15.9% qalu li jkellmuhom bl-Ingliż fil-parti l-kbira tal-ħin tagħhom, mentri 15.9% qalu li jkellmuhom biż-żewġ lingwi;
4. Ġenituri ta' bejn is-26-45 sena huma l-iktar li wieġbu li uliedhom jifhmu biss bl-Ingliż (24.3%), b'dawk li joqogħdu fit-Tramuntana tal-Port il-Kbir l-aktar li qalu li uliedhom jifhmu biss l-Ingliż (30.4%);
5. Fuq il-post tax-xogħol, kważi 80% jitkellmu bil-Malti, u iktar min-nofs (53.2%) jitkellmu bl-Ingliż mal-kollegi tagħhom;
6. Il-Malti f'oqsma ekonomiċi varji huwa l-iktar użat fil-banek (75.7%), filwaqt li huwa l-inqas użat fil-bars u r-restoranti (16.1%);
7. Il-maġġoranza tal-Maltin iħossuhom komdi jiktbu l-emails bl-Ingliż (57.3%); iktar minn nofshom jippreferu jużaw il-Malti biex jiktbu noti (55.7%) u jibagħtu messaġġi bil-mobile (52.5%);
8. L-aħbarijiet online bil-Malti huma l-iktar imfittxija (57.7%), iżda mbagħad hemm preferenza għal ksib ta' aktar tagħrif minn siti elettroniċi bl-Ingliż (39.9%);
9. Kważi nofs il-Maltin jattendu attivitajiet kulturali. L-aktar attivitajiet preferuti huma dawk li jkunu bil-lingwa Maltija biss (53.7%);
10. Kważi 85% tal-Maltin jaqblu li l-barranin li jgħixu Malta għandhom jitgħallmu l-Malti.

Il-Kap Eżekuttiv taċ-Ċentru tal-Ilsien Malti, Norma Saliba, qalet li l-istħarriġ sar mal-popolazzjoni Maltija u Għawdxija sabiex nibdew nikkwantifikaw kif u kemm qed jintuża l-Malti u kemm tassew qed jitħares dal-ilsien li jagħtina identità.

Dawn ir-riżultati xprunaw għadd ta' diskussjonijiet interessanti fil-Forum bis-sehem ta' diversi akkademiċi, esperti, uffiċjali minn entitajiet governattivi u l-udjenza numeruża li kkonkorriet bi ħġarha għal din l-attività.

Id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-Malti fil-kultura, fil-kurrikulu nazzjonali, fil-media u fl-amministrazzjoni pubblika, filwaqt li ntwerew filmati dwar il-Malti f'ambitu teknoloġiku u diġitali, il-Malti fost id-dijaspora u l-Malti bħala lingwa barranija.

*Stqarrija maħruġa llum, il-Ġimgħa 23 ta' Frar, 2024*